Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2023/0027(CNS)

10.7.2023

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji tal-liġi tal-familja
(COM(2023)0064 – C9-0026/2023 – 2023/0027(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Ilana Cicurel

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji tal-liġi tal-familja
(COM(2023)0064 – C9-0026/2023 – 2023/0027(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2023)0064),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2(1) u 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0026/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0000/2023),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Franza pprovdiet informazzjoni li turi li ***għandha interess speċifiku li tinnegozja l-abbozz ta' ftehim mibgħut lill-Kummissjoni,*** minħabba r-rabtiet ekonomiċi, kulturali, storiċi, soċjali u politiċi eċċezzjonali bejn Franza u l-	(2) Franza pprovdiet informazzjoni li turi li minħabba r-rabtiet ekonomiċi, kulturali, storiċi, soċjali u politiċi eċċezzjonali bejn Franza u l-Alġerija***, Franza għandha interess speċifiku li tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija,***

Alġerija.	***li l-abbozz tiegħu ġie trażmess lill-Kummissjoni***.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Il-biċċa l-kbira tal-materji*** li għandhom jiġu ttrattati fl-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija jaffettwaw l-acquis ***tal-UE, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni*** tal-UE ***li tikkonċerna*** materji tal-liġi tal-familja. Konsegwentement, il-materji koperti minn tali impenji internazzjonali jaqgħu ***fi ħdan*** il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw tali impenji, jew jidħlu għalihom, biss jekk jingħataw ***is-setgħa mill-Unjoni biex jagħmlu dan f'konformità mal-Artikolu*** 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ***flimkien mal-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu*** 81(3) ***TFUE***.	(8) ***Uħud mill-materji*** li għandhom jiġu ttrattati fl-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija jaffettwaw l-acquis ***rilevanti*** tal-UE ***rigward*** materji tal-liġi tal-familja. Konsegwentement, il-materji koperti minn tali impenji internazzjonali jaqgħu ***taħt*** il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw tali impenji, jew jidħlu għalihom, biss jekk jingħataw ***setgħa skont l-Artikolu*** 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ***mil-leġiżlatur tal-Unjoni biex jagħmlu dan, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu*** 81(3) ***tat-TFUE***.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— tinforma lill-Alġerija li l-Kummissjoni Ewropea ***se*** tieħu sehem fin-negozjati bħala osservatur u se tiġi infurmata dwar kwalunkwe progress u ***riżultat*** miksuba matul id-diversi stadji tan-negozjati;	— tinforma lill-Alġerija li l-Kummissjoni Ewropea ***tista'*** tieħu sehem fin-negozjati bħala osservatur u se tiġi infurmata dwar kwalunkwe progress u ***riżultati*** miksuba matul id-diversi stadji tan-negozjati;

Or. en

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— tħeġġeġ lill-Alġerija tikkunsidra l-adeżjoni mal-Konvenzjonijiet ewlenin li jikkonċernaw materji tal-liġi tal-familja żviluppati mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u tibda analiżi ***serja tar-raġunijiet*** li ***żammew*** lill-Alġerija milli tagħmel dan ***għalissa***;	— tħeġġeġ lill-Alġerija tikkunsidra l-adeżjoni mal-Konvenzjonijiet ewlenin li jikkonċernaw materji tal-liġi tal-familja żviluppati mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u tibda analiżi ***tal-aktar mezzi xierqa biex jitneħħew l-ostakli*** li ***għalissa*** lill-Alġerija ***żammewha*** milli tagħmel dan;

Or. en

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— tinforma lill-Alġerija li, wara l-konklużjoni tan-negozjati, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel ma ***l-Partijiet jitħallew jikkonkludu*** l-ftehim;	— tinforma lill-Alġerija li, wara l-konklużjoni tan-negozjati, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel ma ***Franza titħalla tikkonkludi*** l-ftehim;

Or. en

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— tinforma lill-Alġerija li l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni tal-ftehim, wara proposta mill-Kummissjoni, ***jaf tkun*** tipprevedi li l-ftehim ***ikollu*** validità limitata fiż-żmien ***(pereżempju***, ***ħames snin) u jaf ikollu*** jiġi ***kkunsidrat mill-ġdid***	— tinforma lill-Alġerija li l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni tal-ftehim, wara proposta mill-Kummissjoni, ***taf*** tipprevedi li l-ftehim ***jista' jkollu*** validità limitata fiż-żmien, ***possibilment b'sistema ta' tiġdid taċitu li jrid*** jiġi ***indikat fid-***

wara dan iż-żmien;	***deċiżjoni tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim***;

Or. en

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- iddaħħal dispożizzjoni li tipprevedi denunzja sħiħa jew parzjali tal-ftehim jew sostituzzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-ftehim fil-każ tal-konklużjoni ta' ftehim sussegwenti bejn l-Unjoni jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Alġerija, min-naħa l-oħra, jew l-adeżjonijiet tal-Alġerija għall-Konvenzjonijiet rilevanti tal-Aja;

Or. en

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— iddaħħal dispożizzjoni li tgħid li d-deċiżjonijiet rikonoxxuti fi Franza skont dan il-ftehim ma jistgħux sussegwentement jiċċirkolaw fi Stati Membri oħra tal-UE;	— iddaħħal dispożizzjoni li tgħid li d-deċiżjonijiet rikonoxxuti fi Franza skont dan il-ftehim ma jistgħux sussegwentement jiċċirkolaw fi Stati Membri oħra tal-UE ***skont id-dritt tal-UE***;

Or. en

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— tiżgura li d-dispożizzjonijiet ***li jikkonċernaw id-dritt li tiġi rrifjutata n-notifika ta' dokumenti jkunu allinjati***	— tiżgura li d-dispożizzjonijiet ***tal-ftehim innegozjat mal-Alġerija jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-UE***

mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament riformulat dwar in-Notifika ta' Dokumenti, li jfisser li d-destinatarju jista' jirrifjuta n-notifika ta' dokumenti fil-ħin tan-notifika jew inkella fi żmien ġimagħtejn minn meta ssir in-notifika;	***u mal-Konvenzjonijiet rilevanti tal-Aja***;

Or. en